Studju ta’ każ 4 – liġi kummerċjali – kuntratt - L-Ungerija

# Spejjeż fl-Ungerija

## L-ispejjeż ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR)

| Studju ta’ każ | Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR) | |
|---|---|---|
| | Din l-għażla hija disponibbli għal dan it-tip ta’ każ? | Drittijiet |
| Każ A | Iva | Kif miftiehma bejn il-partijiet u l-medjatur.<br>Kull min huwa involut fi proċedimenti ġodda jew li għadhom għaddejjin jistgħu jitolbu lill-qorti għall-medjazzjoni, li hija mingħajr ħlas. |
| Każ B | Iva | Kif miftiehma bejn il-partijiet u l-medjatur.<br>Kull min huwa involut fi proċedimenti ġodda jew li għadhom għaddejjin jistgħu jitolbu lill-qorti għall-medjazzjoni, li hija mingħajr ħlas. |

## It-tariffi tal-avukat, il-bailiff u l-espert

| Studju ta’ każ | Avukat | | Bailiff | Espert | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Ir-rappreżentanza ġuridika hija mandatorja? | Spejjeż medji | Ir-rappreżentanza ġuridika hija mandatorja? | Bilfors trid tintuża? | Drittijiet |
| Każ A | Le | Kif miftiehma bejn il-klijent u l-avukat. | Le | Le Il-qorti għandha taħtar espert fuq talba tal-parti li tkun qiegħda tagħti x-xhieda, ħlief jekk tordna t-teħid tax-xhieda *ex officio*. Kull waħda mill-partijiet tista' tissottometti wkoll l-opinjonijiet ta' esperti privati. | Ġeneralment l-espert jistabbilixxi t-tariffi tiegħu/tagħha. Jekk il-qorti tordna t-teħid tax-xhieda *ex officio*, it-tariffa tiġi stabbilita skont il-leġiżlazzjoni rilevanti fis-seħħ. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Każ B | Iva. Il-qrati għandhom ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar talbiet relatati ma' ftehimiet internazzjonali dwar it-trasport u l-bgħit tal-merkanzija (Artikolu 23(1)(d) tal-Att III tal-1952 dwar il-proċedura ċivili), u r-rappreżentazzjoni ġuridika hija mandatorja f'kull stadju tal-kawżi li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-prim'istanza tal-qrati ġenerali, kif ukoll waqt l-appell, ħlief jekk il-kawża taqa' taħt klawżola ta' esklużjoni (Artikolu 73/A(1)(b) tal-Att III tal-1952). | Kif miftiehma bejn il-klijent u l-avukat. | Le | Le Il-qorti għandha taħtar espert fuq talba tal-parti li tkun qiegħda tagħti x-xhieda, ħlief jekk tordna t-teħid tax-xhieda *ex officio*. Kull waħda mill-partijiet tista' tissottometti wkoll l-opinjonijiet ta' esperti privati. | L-espert jistabbilixxi t-tariffi tiegħu/tagħha. Jekk il-qorti tordna t-teħid tax-xhieda *ex officio*, it-tariffa tiġi stabbilita skont il-leġiżlazzjoni rilevanti fis-seħħ. |

## Il-kumpens tax-xhieda

| Studju ta' każ | Il-kumpens tax-xhieda | |
|---|---|---|
| | Ix-xhieda għandhom dritt għal kumpens? | Drittijiet |
| Każ A | Iva | Il-kumpens tax-xhieda huwa regolat bil-liġi. Ix-xhieda għandhom dritt għal rifużjoni tal-ispejjeż tat-trasport, l-akkomodazzjoni u l-bżonnijiet tagħhom, kif ukoll kumpens għall-perjodu li fih ma marrux għax-xogħol. |
| Każ B | Iva | Il-kumpens tax-xhieda huwa regolat bil-liġi. Ix-xhieda għandhom dritt għal rifużjoni tal-ispejjeż tat-trasport, l-akkomodazzjoni u l-bżonnijiet tagħhom, kif ukoll kumpens għall-perjodu li fih ma marrux għax-xogħol. |

## Spejjeż għall-għajnuna legali

| Studju ta' każ | Għajnuna legali |
|---|---|
| | Meta u taħt liema kondizzjonijiet tgħodd? |
| Każ A | L-operaturi ekonomiċi mhumiex intitolati għall-għajnuna legali. |
| Każ B | L-operaturi ekonomiċi mhumiex intitolati għall-għajnuna legali. |

## Spejjeż għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni

| Studju ta' każ | Traduzzjoni | | Interpretazzjoni | |
|---|---|---|---|---|
| | Meta u taħt liema kondizzjonijiet tgħodd? | Spiża approssimattiva? | Meta u taħt liema kondizzjonijiet tgħodd? | Spiża approssimattiva? |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Każ A | Jekk il-parti ma titkellimx jew ma tifhimx bl-Ungeriż. | It-traduttur jistabbilixxi t-tariffi tiegħu/tagħha. It-tariffa tiġi kkalkulata skont in-numru ta' ittri (madwar HUF 5 kull ittra), l-iskadenza u l-lingwa tas-sors. L-ispejjeż tat-traduzzjoni marbuta max-xhieda prodotta u s-sottomissjonijiet tal-partijiet li għandhom dritt jużaw il-lingwa nazzjonali, reġjonali jew minuri tagħhom matul il-proċedimenti ċivili jitħallsu bil-quddiem f'isimhom mill-Istat. Dawn l-ispejjeż jiġu mbagħad regolati mid-dispożizzjonijiet dwar l-irkupru tal-ispejjeż ġudizzjarji. | Jekk il-parti ma titkellimx jew ma tifhimx bl-Ungeriż. | L-interpretu jistabbilixxi t-tariffi tiegħu/tagħha. It-tariffa fis-siegħa tiddependi mil-lingwa użata. Madwar HUF 10 000 - 12 000 fis-siegħa. L-Istat huwa responsabbli għal jew irid iħallas bil-quddiem it-tariffi tal-interpretu meta l-interpretazzjoni hija meħtieġa bil-liġi. |
| Każ B | Jekk il-parti ma titkellimx jew ma tifhimx bl-Ungeriż. | It-traduttur jistabbilixxi t-tariffi tiegħu/tagħha. It-tariffa tiġi kkalkulata skont in-numru ta' ittri (madwar HUF 5 kull ittra), l-iskadenza u l-lingwa tas-sors. L-ispejjeż tat-traduzzjoni marbuta max-xhieda prodotta u s-sottomissjonijiet tal-partijiet li għandhom dritt jużaw il-lingwa nazzjonali, reġjonali jew minuri tagħhom matul il-proċedimenti ċivili jitħallsu bil-quddiem f'isimhom mill-Istat. Dawn l-ispejjeż jiġu mbagħad regolati mid-dispożizzjonijiet dwar l-irkupru tal-ispejjeż ġudizzjarji. | Jekk il-parti ma titkellimx jew ma tifhimx bl-Ungeriż. | It-traduttur jistabbilixxi t-tariffi tiegħu/tagħha. It-tariffa fis-siegħa tiddependi mil-lingwa użata. Madwar HUF 10 000 - 12 000 fis-siegħa. L-Istat huwa responsabbli għal jew irid iħallas bil-quddiem it-tariffi tal-interpretu meta l-interpretazzjoni tkun meħtieġa bil-liġi. |

L-aħħar aġġornament: 16/05/2013

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.